# Il-Knisja tas-Samra u l-Pellegrinaġġ ta' Santa Marija fil-Ħamrun



Fil-Ħamrun jeżistu diversi knejjes u kappelli. Waħda minnhom hija magħrufa fost il-Ħamruniżi u l-poplu tal-Marsa bħala l-Knisja tal-Madonna tas-Samra.

Din il-knisja, xi ftit żgħira, tinsab fil-parroċċa ta' San Gejtanu. F'din il-Knisja ma ssirx festa titulari iżda billi hemm devozzjoni lejn l-Assunta bdiet issir festa lil Santa Marija.

Billi l-festa saret aktar popolari, mill-1979 beda jsir pellegrinaġġ.

Lejliet il-festa, jiġifieri fl-14 ta' Awissu, jsir marċ brijuż miż-żewġ baned ewlenin Ħamruniżi. Din is-sena jmiss lill-Banda San Ġużepp iddoqq f'din il-festa.

**L-istatwa:** Din hi l-unika statwa li mhix titulari u li toħroġ f'purċissjoni jew pellegrinaġġ. Din saret minn Gerolamo Dingli fl-1967. Il-materjal ta' l-istatwa huwa tal-kartapesta bħall-istatwi li ħoloq dan l-artist mill-Imqabba li jgħix ir-Rabat.

Din l-istatwa hi ispirata mill-istatwa tal-Gudja. Il-figura ta' Vincenzu Dimech hi differenti imma hemm affarijiet jixxibħu f'din l-istatwa. It-tnejn li huma għandhom idejhom miftuħa. L-idejn ta' Dingli huma aktar 'il fuq minn ta' Vincenzu Dimech. Il-pożizzjoni tal-mantell huwa kważi identiku.

L-istatwa ġiet sgaffjata u ndurata minn ċertu wieħed kunjomu Attard fis-sena 1970. Il-pedestall tagħha sar fuq disinn ta' S. Bugeja fl-1977 u nħadem minn Mangion Farrugia. Il-bradella saret fl-1976. Din hi l-unika statwa ta' Santa Marija li saret minn id Malti f'dan is-seklu.




*Referenzi:*

In...Tagħna, 9 ta' Mejju, 1980;

Guido Lanfranco, L-istatwi ta' l-Assunta fil-Gżejjer Tagħha,

Programm ta' Santa Marija, Rabat, 1986.


***Joseph C. Camilleri***